MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 103/2010

**Mobisle Communications Ltd (C24655)**

**vs**

**Sharon Camilleri (282188M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Frar 2010, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf hames mija u sittax-il ewro u sitt centezmi (€1,516.06) in konessjoni mas-servizzi rezi mis-socjeta attrici ghall-perjodu bejn 2007 u 2009, bl-ispejjez inkluzi dawk ta ittra ufficjali tat-31 ta Ottubru 2009 u mandat ta' sekwestru u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u sittax-il ewro u sitt centezmi (€1,516.06) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------